MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 839/2005

**Mary Lourdes Galea**

**vs**

**Raymond Grima**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 t'April 2005 fejn gie mitlub li l-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont komplessiv ta' seba' mija u hamsin Lira Maltin (Lm750.00), rapprezentanti kwantu ghas-somma ta' mitejn u hamsa u sebghin Liri Maltin (Lm275.00) bhala flus imhallsa mill-attrici ghal xoghol li ma sarx mill-istess konvenut u dan ghab-bazi tal-ftehim datat 1 ta' Novembru 2004, markat Dok. A; u kwantu ghas-somma ta' erba' mija u hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm475.00) rapprezentanti self lilu moghti.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, ilkoll kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tal-attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma komplessiva ta' seba' mija u hamsin Liri Maltin (Lm750.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------